# RIŻORSA 7




*Sors: Fondation Jean Monnet pour l'Europe, Lausanne*

Din il-lingotta tal-ħadid mill-1953 tissimbolizza l-Pjan ta' Schuman, idea mressqa mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Franċiż Robert Schuman fid-9 ta' Mejju 1950. Il-pjan tiegħu kien jipproponi l-ħolqien ta' Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li l-membri tagħha – il-Belġju, Franza, il-Ġermanja tal-Punent, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands – kellhom jiġbru flimkien il-produzzjoni tal-faħam u l-azzar. Din il-miżura kienet meqjusa essenzjali biex jiġi evitat aktar ġlied bejn Franza u l-Ġermanja, peress li kienet se ttemm il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali, partikolarment fir-reġjun tar-Ruhr. Il-kompromess kien is-soluzzjoni.

- Fittxu kif normalment tinkiteb il-kelma "Ewropa" bil-lingwi tas-6 pajjiżi li ffurmaw il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Imbagħad osservaw kif il-kelma "Ewropa" hi miktuba fuq il-lingotta murija f'din l-istampa. Tistgħu taħsbu fi spjegazzjoni għaliex hija miktuba b'dan il-mod?